



Dokument ta' sessjoni

A9-0248/2023

25.7.2023

RAPPORT

dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera
(2023/2042(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Lukas Mandl

Rapporteurs għall-opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:

Jörgen Warborn, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Hannes Heide, Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	20
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	26
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	30
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	31

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera (2023/2042(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxu l-prinċipji, l-oġġettivi u l-kompetenzi tal-UE, u li jirrikonoxxu d-dritt tal-istati Ewropej li japplikaw għal sħubija fl-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)¹, li jirrikonoxxi d-dritt ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles (EFTA) li japplika għal sħubija fiż-ŻEE,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera², iffirmit fit-22 ta' Lulju 1972,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni fuq il-ħajja³,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà⁴,
- wara li kkunsidra r-riżultat negattiv tar-referendum Żvizzeru li rrifjuta s-sħubija fiż-ŻEE fl-1992,
- wara li kkunsidra l-konklużjoni ta' diversi ftehimiet settorjali bejn l-UE u l-Iżvizzera, iffirmati fl-1999, magħrufa bħala “Bilaterali I”⁵,
- wara li kkunsidra d-disa' ftehimiet settorjali addizzjonali bejn l-UE u l-Iżvizzera, iffirmati fl-2004, magħrufa bħala “Bilaterali II”,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar għarfien bejn xulxin rigward stima ta' konformità⁶,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli⁷,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² ĠU L 300 31.12.1972, p. 189.

³ ĠU L 205, 27.7.1991, p. 3.

⁴ ĠU L 199, 31.7.2009, p. 24.

⁵ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.

⁶ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 369.

⁷ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

dwar ċerti aspetti ta' akkwisti tal-gvern⁸,

- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni⁹,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, iffirmit fl-2004,
- wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fiż-Żona Schengen tas-26 ta' Ottubru 2004¹⁰, li jippermetti l-moviment liberu tal-persuni bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-UE, u li jiffaċilita l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u l-għieda kontra l-kriminalità transfruntiera,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Eurojust u l-Iżvizzera, iffirmit fis-27 ta' Novembru 2008,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera rigward kooperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni¹¹ tas-17 ta' Mejju 2013,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita¹²,
- wara li kkunsidra l-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħha fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Azil¹³ iffirmit fl-10 ta' Ġunju 2014,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017,
- wara li kkunsidra l-pakkett regolatorju ppreżentat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021, li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-UE b'mill-inqas 55 % sal-2030 (COM(2021)0550),
- wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Federali Żvizzeru tal-24 ta' Awwissu 2022 u tal-21 ta' Diċembru 2022 biex jadotta l-miri tal-UE għall-iffrankar tal-gass u tal-elettriku, bħala parti mill-allinjament regolatorju usa' tal-politika Żvizzera dwar l-enerġija u r-regolamentazzjoni tan-network,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra

⁸ [ĠUL 114, 30.4.2002, p. 430.](#)

⁹ [ĠUL 114, 30.4.2002, p. 6.](#)

¹⁰ [ĠU C 308, 14.12.2004, p. 2.](#)

¹¹ [ĠUL 347, 3.12.2014, p. 3.](#)

¹² [ĠUL 15, 20.1.2014, p. 3.](#)

¹³ [ĠUL 65, 11.3.2016, p. 22.](#)

tagħhom, iffirmat fit-23 ta' Novembru 2017¹⁴,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2019 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru tas-26 ta' Mejju 2021 biex iġib fi tmiemhom in-negozjati dwar qafas istituzzjonali UE-Żvizzera,
 - wara li kkunsidra l-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill Federali Żvizzeru ta' sensiela ta' linji gwida għall-pakkett ta' negozjati tiegħu mal-UE fit-23 ta' Frar 2022,
 - wara li kkunsidra r-riżultat pożittiv tar-referendum Żvizzeru tal-15 ta' Mejju 2022 biex tiżdied il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Presidenti tad-Delegazzjoni tal-Assemblea Federali Żvizzera għar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Iżvizzera (id-Delegazzjoni DEEA), adottata fil-41 laqgħa interparlamentari bejn l-Iżvizzera u l-UE fis-7 ta' Ottubru 2022 f'Rapperswil-Jona, l-Iżvizzera,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera¹⁵,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq¹⁶,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili¹⁷,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0248/2023),
- A. billi l-UE u l-Iżvizzera huma alleati politikament u kulturalment qrib u tal-istess fehma, b'valuri kondiviżi bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-ugwaljanza soċjali u s-sostenibbiltà soċjali u ambjentali; billi l-UE u l-Iżvizzera huma sħab ekonomiċi ewlenin b'interess fil-prosperità ekonomika komuni;
- B. billi l-UE u l-Iżvizzera għandhom relazzjoni fit-tul ibbażata fuq għanijiet ta' paċi u

¹⁴ [ĠUL 322, 7.12.2017, p. 3.](#)

¹⁵ [ĠU C 108, 26.3.2021, p. 133.](#)

¹⁶ [ĠU C 362, 8.9.2021, p. 90.](#)

¹⁷ [ĠUL 347, 20.12.2013, p. 924.](#)

valuri kondiviżi, l-impenn li jiddefendu l-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u jmessu b' mod attiv l-isforzi globali biex jiġu indirizzati sfidi bħat-tibdil fil-klima, l-ambjent, it-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis tar-riżorsi, l-iżvilupp sostenibbli, l-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni, il-migrazzjoni u s-sigurtà internazzjonali, il-ġustizzja kriminali internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali;

- C billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna enfasizzat il-hteġa li l-UE u l-Iżvizzera japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tal-politika barranija, is-sigurtà u r-rispons għall-kriżijiet; billi l-Iżvizzera tikkoopera f'ċerti partijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-UE u pparteċipat f'missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK); billi l-Iżvizzera allinjat ruħha mal-UE dwar sanzjonijiet kontra r-Russja u vvotat favur ir-riżoluzzjonijiet kollha tan-NU dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
- D billi l-Iżvizzera tfittex forom ġodda ta' kooperazzjoni f'oqsma bħas-sigurtà, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-saħħa; billi l-Iżvizzera lesta tespandi l-kooperazzjoni tagħha dwar is-sigurtà, b'enfasi fuq oqsma bħaċ-ċibersigurtà, it-theddid ibridu, ir-reżiljenza u d-diżinformazzjoni; billi l-Iżvizzera għandha l-għan li ssaħħa l-interoperabbiltà fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; billi r-rapport dwar il-politika ta' sigurtà Żvizzera tal-2021 u s-suppliment tiegħu tal-2022 stabbilew għażliet għall-Iżvizzera biex iżżid il-kooperazzjoni tagħha mal-UE;
- E billi l-Iżvizzera u l-UE huma sħab ekonomiċi ewlenin – l-UE hija s-sieħeb kummerċjali prinċipali tal-Iżvizzera u l-Iżvizzera hija r-raba' sieħeb kummerċjali tal-UE, wara ċ-Ċina, l-Istati Uniti u r-Renju Unit; billi kemm l-UE kif ukoll l-Iżvizzera huma fost l-aqwa destinazzjonijiet għall-investment barrani ta' xulxin u huma sħab ewlenin fil-kummerċ tas-servizzi;
- F. billi l-Kunsill Federali Żvizzeru approva l-parametri ewlenin għal mandat ta' negozjar mal-UE fil-21 ta' Ġunju 2023;
- G. billi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mal-UE prinċipalment jiġu rregolati permezz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) u sensiela ta' ftehimiet bilaterali, inkluż il-ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni, li abbażi tagħhom l-Iżvizzera qablet li tadotta ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni tal-UE bi skambju għall-aċċess għal parti mis-suq uniku tal-UE;
- H. billi l-Iżvizzera hija integrata fil-fond fis-suq uniku tal-UE; billi sal-lum, l-UE u l-Iżvizzera kkonkludew bosta ftehimiet bilaterali; billi ħafna minnhom jeħtieġ li jiġu aġġornati b' mod urġenti sabiex jinżamm il-funzjonament tas-suq intern, f'dan ir-rigward, bejn l-UE u l-Iżvizzera u jiġu riflessi l-prijoritajiet li qed jevolvu;
- I. billi l-Kunsill Federali Żvizzeru ddeċieda li jgħib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-ftehim qafas istituzzjonali UE-Żvizzera f'Mejju 2021; billi hija meħtieġa soluzzjoni għal relazzjoni futura bejn l-UE u l-Iżvizzera sabiex ir-relazzjonijiet bilaterali jiġu kkonsolidati filwaqt li s-sħubija bejn l-UE u l-Iżvizzera tiġi żviluppata sal-potenzjal sħiħ tagħha dwar kwistjonijiet ewlenin ta' interess reċiproku; billi dan l-aħħar saru sensiela ta' taħditiet esploratorji bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill Federali Żvizzeru;

- J. billi ż-żjara tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Maroš Šefčovič fl-Iżvizzera f' Marzu 2023 iġġenerat impuls ġdid għal diskussjonijiet immirati biex isolvu problemi istituzzjonali; billi ż-żewġ naħat urew ir-rieda tagħhom li jnaqqsu l-lakuni pendenti permezz tat-taħditiet esploratorji kemm fil-livell tekniku kif ukoll f' dak politiku; billi huwa essenzjali għaż-żewġ partijiet li jżommu l-momentum, ikomplu jimxu fid-direzzjoni t-tajba u potenzjalment jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jiddeterminaw jekk hemmx pedament sod għal negozjati sħaħ bil-prospett ta' konklużjoni rapida u b'suċċess;
- K. billi ż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku; billi suq uniku effettiv u li jiffunzjona tajjeb huwa bbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna;
- L. billi ċ-ċittadini Żvizzeri għandhom l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu, jidħlu u jgħixu liberament fl-UE, f'konformità mad-dritt tal-UE; billi fl-2021, medja ta' madwar 351 000 ħaddiem transfruntier kienu qed jaħdmu l-Iżvizzera, filwaqt li mill-31 ta' Diċembru 2021, madwar 442 000 ċittadin Żvizzeru kienu qed jgħixu l-UE u madwar 1,4 miljun ċittadin tal-UE kienu qed jgħixu l-Iżvizzera;
- M. billi l-Iżvizzera bħalissa għandha l-istatus ta' pajjiż terz mhux assoċjat fl-ambitu tal-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont Ewropa" u programmi u inizjattivi relatati oħra, inkluż il-programm Erasmus+ tal-UE; billi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat;
- N. billi l-Qafas ta' Kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Iżvizzera, li ġie ffirmit fis-16 ta' Marzu 2012, jippermetti li jsir skambju tal-informazzjoni u jipprevedi attivitajiet konġunti fil-qasam tar-riċerka u t-teknoloġija u fil-proġetti u l-programmi dwar l-armamenti;
- O. billi l-Iżvizzera se torganizza l-elezzjonijiet ġenerali fit-22 ta' Ottubru 2023; billi l-Parlament se jorganizza l-elezzjonijiet f'Ġunju 2024;

Politika estera u ta' sigurtà

1. Jaċċentwa l-interess qawwi tal-UE li tikkoopera mal-Iżvizzera bħala sieħeb tal-istess fehma dwar kwistjonijiet internazzjonali ta' paċi, sigurtà, drittijiet tal-bniedem u difiża, b'mod partikolari b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' l-allinjament tal-Iżvizzera mas-sanzjonijiet tal-UE adottati f'dan il-kuntest u l-adozzjoni tagħha tal-pakketti ta' sanzjonijiet kollha sal-lum; jirrikonoxxi l-impenn tal-Iżvizzera li żżomm l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, inkluż permezz ta' azzjoni komuni mal-UE fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-fora multilaterali;
2. Jirrikonoxxi l-politika barranija li ilha tħaddan l-Iżvizzera li tippromwovi l-paċi, il-medjazzjoni u r-risoluzzjoni paċifika tal-kunflitti; jilqa' r-rwol impenjat u b'saħħtu tal-Iżvizzera bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, in-NU u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi fis-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-kriżijiet, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' arranġamenti kostituzzjonali f'ambjenti b'tensjoni għolja, il-bini tal-paċi, il-faċilitazzjoni tad-djalogu, l-iżvilupp ta' miżuri għall-bini tal-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni;

3. Jilqa' l-mandat 2023-2024 tal-Iżvizzera bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU bħala opportunità biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u jiġu promossi prijoritajiet komuni fil-livell multilaterali;
4. Jilqa' l-pożizzjoni mill-qrib tal-Iżvizzera fir-rigward tal-PESK tal-UE, inkluż dwar kwistjonijiet ta' għajnuna umanitarja, protezzjoni ċivili, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tibdil fil-klima, u l-parteċipazzjoni tagħha f'diversi missjonijiet tal-PSDK, b'mod partikolari fl-EULEX Kosovo, l-EUFOR Althea u l-EUCAP Sahel; jinnota li l-Iżvizzera għamlet l-aktar kontribuzzjonijiet frekwenti għall-missjonijiet tal-PSDK f'termini assoluti; jappella għal aktar involviment fi ħdan il-mandati tal-PESK u tal-PSDK;
5. Jilqa', barra minn hekk, it-tħabbira tal-Iżvizzera f'Novembru 2021 li kienet se tipparteċipa f'ċerti proġetti tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u li bħalissa qed tiġi esplorata l-parteċipazzjoni potenzjali f'żewġ proġetti; jinnota li l-Iżvizzera esprimiet interess fi proġetti relatati maċ-ċiberdifiża u l-mobbiltà militari, u li din hija approssimazzjoni ġdida lejn l-UE fejn l-Iżvizzera qed tikkunsidra l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża ma' pajjiżi oħra għall-ewwel darba fl-istorja tagħha; jilqa' l-intenzjoni tal-Iżvizzera li tipparteċipa fl-inizjattiva European Sky Shield għad-difiża tal-ajru;
6. Ihegġegħ aktar kollaborazzjoni bejn l-Iżvizzera u l-UE dwar kwistjonijiet soċjali u umanitarji, f'konformità mal-approċċ integrat tal-UE, u dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u r-reġim globali ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' s-sħubija tal-Iżvizzera fis-sistema Ewropea għall-ġestjoni tal-kriżijiet;
7. Jilqa' l-pass intensifikat tal-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-fatt li l-Iżvizzera qed tfittex kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE u man-NATO; jilqa', f'dan ir-rigward, l-involviment tal-Iżvizzera fil-programm "Sħubija għall-Paċi"; ihegġegħ lill-Iżvizzera tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża u tagħmel użu sħiħ mill-ftehim amministrattiv mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE u l-Iżvizzera fir-rigward tas-sigurtà tal-pajjiż minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu;
8. Jinnota li l-allinjament volontarju tal-Iżvizzera mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja jsegwi approċċ ta' każ b'każ; ihegġegħ lill-Iżvizzera żżomm l-impenn tagħha favur l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tapplika u timplimenta mill-qrib u b'mod konsistenti l-miżuri restrittivi kollha adottati tal-UE kif diġà għamlet s'issa u tipprevjeni ċ-ċirkonvenzjoni tagħhom, kif previst mill-Kummissjoni għall-Istati Membri tal-UE; ihegġegħ lill-Iżvizzera temenda l-leġiżlazzjoni tagħha biex tippermetti l-konfiska ta' assi Russi; jappella lill-Iżvizzera biex tingħaqad mat-task force "Eliti, Proxies u Oligarki Russi"; ihegġegħ ukoll lill-Iżvizzera tikkooopera mat-task force tal-UE "Iffriżar u Sekwestru" biex tikkordina u tesplora mezzi legali biex tikkonfiska l-assi, inklużi r-riżervi tal-bank ċentrali Russu miżmuma l-Iżvizzera, f'konformità mad-dritt internazzjonali, u tinvolvi ruħha b'mod attiv fid-diskussjonijiet fil-fora internazzjonali dwar l-użu tal-assi ffriżati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
9. Jirrikonoxxi li l-Iżvizzera wettqet sforzi umanitarji sinifikanti fl-Ukrajna, offriet status ta' protezzjoni lir-rifuġjati Ukreni u pprovdiet appoġġ finanzjarju sinifikanti għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, anke permezz tal-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna tal-

2022 f'Lugano; iħeġġeġ kooperazzjoni ulterjuri bejn l-UE u l-Iżvizzera fl-indirizzar tal-kriżi li għaddejja bħalissa;

10. Jinnota b'dispjaċir li l-Iżvizzera bħalissa qed tipprojbixxi l-esportazzjoni mill-ġdid ta' munizzjon u materjali tal-gwerra prodotti fl-Iżvizzera mill-Istati Membri tal-UE lejn l-Ukrajna; jilqa' l-mozzjoni fil-livell nazzjonali u t-tneđija ta' dibattitu politiku dwar dan is-suġġett fil-Kunsill tal-Istati; jappella lill-Kunsill Federali Żvizzeru biex japprova l-provvista mill-ġdid tal-armi lill-Ukrajna;
11. Iħeġġeġ lill-Iżvizzera twettaq reviżjoni tal-prattiki tagħha fir-rigward tas-sanzjonijiet, sabiex tallinja ruħha b'mod aktar sistematiku mas-sanzjonijiet meħuda mill-UE, inkluż meta dawn ikunu bbażati fuq ksur tad-drittijiet tal-bniedem skont ir-reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem;

Soċjetà u ġeopolitika

12. Jilqa', barra min hekk, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-summits tal-Komunità Politika Ewropea;
13. Jirrikonoxxi l-kooperazzjoni UE-Żvizzera fil-qasam tal-migrazzjoni internazzjonali, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni tal-flussi u r-rilokazzjoni tar-rifuġjati; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Frontex; jistieden lill-Iżvizzera ssaħħaħ l-iskambji tagħha mal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil u mal-Frontex, li huma involuti direttament fil-ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni internazzjonali lejn u mill-Iżvizzera; itenni li l-parteċipazzjoni fis-sistema Schengen/Dublin hija kruċjali;
14. Jiddispjaċih li, sal-lum, l-Iżvizzera ma tikkwalifikax biex tipparteċipa fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, peress li fil-mekkaniżmu jistgħu jissieħbu biss pajjiżi tal-EFTA, li jkunu membri taż-ŻEE, u pajjiżi Ewropej oħra meta jkun hemm ftehimiet li jipprevedu hekk, u l-pajjiżi aderenti, kandidati u dawk kandidati potenzjali tal-UE jistgħu jissieħbu fil-mekkaniżmu; jappella għal sħubija futura rapida mal-Iżvizzera f'dan il-qafas, permezz tal-ftuħ tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili għall-pajjiżi membri tal-EFTA; iħeġġeġ l-esplorazzjoni tal-possibilitajiet ta' involviment tal-Iżvizzera f'inizjattivi ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons għad-diżastri sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali kemm tal-UE kif ukoll tal-Iżvizzera;

Ekonomija, suq tax-xogħol u aċċess għas-suq intern tal-UE

15. Ifakkar fir-relazzjoni li ilha teżisti bejn l-UE u l-Iżvizzera msejsa fuq valuri u għanijiet komuni ta' paċi, ġustizzja soċjali, responsabbiltà ekoloġika u prosperità ekonomika, kif ukoll fuq l-interdipendenza ekonomika u soċjali tagħhom; iħeġġeġ l-esplorazzjoni ta' possibiltajiet ulterjuri biex l-Iżvizzera tkun tista' tingħaqad mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern; jissottolinja l-impenn komuni biex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi u biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-drittijiet soċjali madwar l-Ewropa;
16. Jissottolinja li s-salvagwardja, it-tisħiħ u l-approfondiment ta' relazzjonijiet kummerċjali b'saħħithom, stabbli u sostenibbli mal-Iżvizzera, ir-raba' l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE, jibqgħu prijorità għolja u huma fl-interess fundamentali taż-żewġ partijiet, b'mod partikolari fl-ambjent internazzjonali turbolenti attwali; iqis li relazzjoni

modernizzata u ta' benefiċċju reċiproku, mirfuda minn ftehim ambizzjuż, mhux biss għandha tnaqqas l-ostakli għall-kummerċ iżda għandha toħloq ukoll kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi tal-UE, tiġġenera l-fiduċja, l-istabbiltà, l-impjiegi, it-tkabbir u l-benesseri, tiżgura l-protezzjoni nondiskriminatorja tad-drittijiet tal-ħaddiema u tiggarrantixxi l-ogħla livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ambjent, il-kompetizzjoni ġusta, l-iżvilupp sostenibbli u l-ġustizzja, il-progress u s-sigurtà soċjali; jisħaq fuq l-importanza li jitkomplew l-isforzi konġunti favur ir-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari l-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim tagħha, u li jiġu promossi inizjattivi ta' kummerċ sostenibbli u ekoloġiku qabel it-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO;

17. Iqis li l-livell sinifikanti ta' integrazzjoni tal-Iżvizzera mas-suq uniku tal-UE huwa fattur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli; jissottolinja li relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-UE u l-Iżvizzera jmorru lil hinn mill-integrazzjoni ekonomika u li l-estensjoni tas-suq uniku tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-prosperità għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs); jissottolinja l-importanza li jiġi żgurati il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità;
18. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Iżvizzera tibqa' l-uniku membru tal-EFTA li ma nġhaqadx maż-ŻEE; jinnota, madankollu, li ċ-ċittadini Żvizzeri għandhom l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu, jidħlu u jgħixu liberament fl-UE, f'konformità mad-dritt tal-UE; itenni li 71 % tal-popolazzjoni Żvizzeri hija favur is-sħubija fiż-ŻEE, filwaqt li l-maġġoranza trid ukoll aċċess sħiħ għas-suq uniku tal-UE u parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni tal-UE; jinnota li l-Iżvizzera dejjem mistiedna tissieħeb fiż-ŻEE jew fl-UE jekk tkun tixtieq tagħmel dan fil-futur; jinnota li, fil-każ li tali xewqa tiġi espressa sal-punt tas-sħubija fl-UE, dan ikun jippermetti lill-Iżvizzera tipparteċipa bis-sħiħ fid-deċizzjonijiet u r-regoli tal-UE;
19. Jenfasizza r-rabtiet ekonomiċi, soċjali u kulturali b'saħħithom tar-reġjuni mal-fruntiera bejn l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera, jiġifieri Auvergne-Rhône-Alpes, Baden-Württemberg, Bayern, Bourgogne-Franche-Comté, Bozen-Südtirol, Grand Est, Fürstentum Liechtenstein u Vorarlberg, li għandhom storja li tmur lura ħafna żmien; jissottolinja l-importanza ta' relazzjonijiet u oqfsa stabbli u b'saħħithom bejn l-UE u l-Iżvizzera għall-kooperazzjoni transfruntiera futura;
20. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' ċerti ftehimiet mal-Unjoni min-naħa tal-Iżvizzera u l-adozzjoni sussegwenti tagħha ta' prattiki u miżuri leġiżlattivi li jafu jkunu inkompatibbli ma' daww il-ftehimiet, b'mod partikolari l-miżuri li jaffettwaw il-moviment liberu tal-persuni; jappella lill-Iżvizzera biex issaħħaħ il-moviment liberu tal-persuni billi tintroduċi miżuri addizzjonali, f'dan ir-rigward, billi tallinja ruħha mad-Direttiva 2004/38/KE¹⁸; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Iżvizzera tadotta b'mod dinamiku d-dritt tal-UE dwar il-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reċiproka;
21. Jinnota l-għadd kbir ta' vjaġġaturi transfruntiera bejn l-UE u l-Iżvizzera u l-għadd kbir ta' ċittadini tal-UE u ċittadini Żvizzeri li jgħixu u jaħdmu l-Iżvizzera jew l-UE

¹⁸ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

rispettivament; ifakkar li l-moviment liberu tal-persuni huwa prinċipju fundamentali tas-suq uniku tal-UE; jisħaq li d-dritt ta' residenza f'pajjiż ieħor tal-UE mhuwiex mingħajr limiti; jiddispijaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jintroduċi mill-ġdid restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol Żvizzeru għall-ħaddiema Kroati fil-forma ta' kwoti fuq il-permessi, u jappella lill-Iżvizzera biex tikkunsidra li tneħħi din il-klawżola ta' salvagwardja;

22. Ihegġegħ lill-Iżvizzera tapplika l-*acquis* rilevanti tal-UE u tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-ftehim tal-1999 dwar il-moviment liberu tal-persuni, b'mod partikolari dwar il-ħaddiema stazzjonati, u tadatta miżuri ta' akkumpanjament li jiggarrantixxu l-protezzjoni ta' standards soċjali għoljin u l-protezzjoni effiċjenti u nondiskriminatorja tad-drittijiet tal-ħaddiema, filwaqt li tiżgura paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post għall-ħaddiema mobbli, stazzjonati u lokali, u tippermetti lill-operaturi ekonomiċi tal-UE jipprovdu s-servizzi fit-territorju tagħha fuq bażi mhux diskriminatorja; jieħu nota tat-tħassib tal-Iżvizzera f'dan ir-rigward u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li xi Stati Membri tal-UE attwali kien ikollhom tħassib simili, li ma mmaterjalizzax ruħu għalkollox; jappella lill-Iżvizzera biex ittaffi l-ostakli burokratiċi fil-qasam tal-istazzjonar tal-ħaddiema; jinnota t-titjib kontinwu tal-Iżvizzera fil-funzjonament tal-miżuri ta' akkumpanjament u jilqa' d-djalogu attiv u regolari tagħha mal-Istati ġirien tagħha u ma' Stati Membri oħra tal-UE dwar kwistjonijiet konkreti fil-qafas tal-forniment transfruntier tas-servizzi;
23. Ihegġegħ lill-UE u lill-Iżvizzera jikkondividu l-aħjar Prattiki u jsaħħu l-protezzjonijiet tad-drittijiet tax-xogħol, b'mod partikolari dwar is-sensji kontra t-trade unions u l-kumpens minimu assoċjat u n-negozjar kollettiv, biex jiġi żgurat suq ġust u ekwu għall-ħaddiema kollha; jieħu nota tal-proċess ta' medjazzjoni indipendenti li għaddej fl-Iżvizzera bil-għan li tinstab soluzzjoni ta' kompromess dwar il-protezzjoni tat-trade unionists kontra t-tkeċċija inġusta; iqis li, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tajba tal-ħaddiema, il-Kummissjoni u l-Kunsill Federali Żvizzeru, fi skambju permanenti mas-sħab soċjali Żvizzeri, jistgħu jikkunsidraw li japplikaw miżuri temporanji, limitati jew ta' salvagwardja, abbażi tad-dritt tal-UE, għal perjodu ta' żmien definit sew;
24. Jinnota li, sakemm ma jkunx hemm qbil dwar ftehim globali, għadd kbir ta' ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera jinsabu f'riskju ta' erożjoni u jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex jiġi żgurat li jibqgħu rilevanti u effiċjenti, u jipprovdu ċ-ċertezza legali, il-konsolidazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera u perspettiva li tħares 'il quddiem, b'mod partikolari dawk dwar l-aċċess imtejjeb u reċiproku għas-suq Żvizzeru għall-operaturi ekonomiċi tal-UE; jinsab imħasseb li l-ftehimiet bilaterali bażiċi qed jiżvintaw u m'għadhomx jiżguraw aċċess għas-suq bla xkiel minħabba n-nuqqas ta' inkorporazzjoni tal-iżviluppi l-ġodda fl-*acquis* tal-UE; jinnota li l-mudell ibbażat fuq ftehimiet bilaterali individwali minflok fuq ftehim globali huwa mudell skadut; ifakkar li l-adozzjoni ta' ftehim globali għall-ftehimiet eżistenti u dawk futuri li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq uniku tal-UE biex jiġu żgurati l-omoġeneità u ċ-ċertezza tad-dritt tibqa' prekondizzjoni għall-iżvilupp ulterjuri ta' approċċ settorjali; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' soluzzjoni rigward il-kwistjonijiet istituzzjonali, peress li dan se jwassal għall-erożjoni ulterjuri tal-applikazzjoni tal-ftehim dwar rikonoxximent reċiproku;
25. Jinnota li jekk ma ssir ebda modernizzazzjoni tal-FTA, li ġie konkluż 50 sena ilu u li

minn dak iż-żmien ma ġiex aġġustat biex jirrifletti l-iżviluppi fir-regoli kummerċjali internazzjonali, u tal-pakkett ta' ftehimiet bilaterali (I u II), li ġie konkluż kważi 20 sena ilu, u mingħajr it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera mhux se jġibu benefiċċji sħaħ għaċ-ċittadini u n-negozji u inevitabbilment maż-żmien se jiddeterjoraw; jemmaen li l-UE għandha tistinka favur soluzzjonijiet prammatiċi biex issolvi din il-kwistjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera; jinnota li l-ftehimiet bilaterali li għadda żmienhom jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex jiġi evitat li jiskadu filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE sabiex jiġi ppreservat l-aċċess reċiproku għas-suq, peress li dan huwa partikolarment minnu fl-oqsma tal-aċċess reċiproku għas-suq għall-oġġetti industrijali, il-faċilitazzjoni doganali, il-moviment liberu tal-persuni, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u l-akkwist pubbliku; jappella, għalhekk, lill-Kummissjoni, biex tipproponi mandat għall-modernizzazzjoni tal-FTA ladarba n-negozjati jkunu reġġu bdew;

26. Jaċċentwa li l-ftehim dwar rikonoxximent reċiproku tal-2002 qed isir dejjem aktar antikwat għax ma jistax jiġi aġġornat biex iqis il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE; jinnota li dan diġà ħoloq ostakli tekniċi u xekkel il-kummerċ ta' apparat mediku u fil-futur se jagħmel l-istess b' mod partikolari fir-rigward tal-inġinerija mekkanika, il-makkinarju, il-prodotti tal-bini u l-intelliġenza artifiċjali; jemmaen li l-UE għandha tistinka favur soluzzjonijiet prammatiċi biex issolvi din il-kwistjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera;
27. Jinnota li l-protezzjoni tal-investment bħalissa hija sostnuta permezz ta' ftehimiet bilaterali antikwati bejn l-Iżvizzera u disa' Stati Membri biss tal-UE; jemmaen li ftehim modern dwar il-protezzjoni tal-investment bejn l-UE u l-Iżvizzera jżid iċ-ċertezza tad-dritt għall-investituri fuq iż-żewġ naħat u jkompli jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tipproponi mandat għan-negozjar ta' ftehim modern bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-protezzjoni tal-investment;
28. Jinnota li l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u tal-industrija bħalissa jiġu kkonsultati biss permezz ta' kanali ta' informazzjoni informali; jappella lin-negozjaturi biex jaqblu ħalli jistabbilixxu pjattaforma ta' konsultazzjoni bilaterali *ex ante* u *ex post* bejn l-UE u l-Iżvizzera bil-ħsieb li tiffaċilita d-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet qabel kwalunkwe miżura ġdida jew sussidju ġdid li jistgħu jolqtu negattivament il-kummerċ jew l-investment; huwa tal-fehma li l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u tal-industrija għandhom ikunu jistgħu jressqu kwalunkwe ostaklu ġdid għall-kummerċ jew għall-investimenti għall-attenzjoni tas-segretarjat ta' din il-pjattaforma; jemmaen li eventwalment il-pjattaforma għandha ssir parti integrali mill-qafas ta' governanza għall-ftehim kummerċjali modernizzat u għandha tinvolvi t-twaqqif ta' helpdesk għall-SMEs, u dan jgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż kummerċjali u l-piżijiet amministrattivi filwaqt li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-kummerċ;
29. Jissottolinja li l-ftehimiet li jiġu n-negozjati għandhom ikunu mfassla bi struttura li tippermetti trasparenza u konsistenza orizzontali sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni kemm tal-ftehimiet bilaterali eżistenti kif ukoll ta' dawk ġodda u aġġornati, b'approċċ Prattiku u faċilment interpretabbli li jipprovdi prevedibbiltà, u ċertezza tad-dritt, u li jiggarrantixxi li ċ-ċittadini, il-ħaddiema u n-negozji impenjati fil-kummerċ bejn l-UE u l-Iżvizzera jkunu jistgħu jeżerċitaw b' mod effettiv id-drittijiet tagħhom.

30. Iqis li l-governanza ta' ftehim potenzjali bejn l-UE u l-Iżvizzera, jew ta' FTA modernizzati, għandha tinvolvi kumitat konġunt li jipprevedi monitoraġġ konġunt, dialogu strutturat u superviżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Parlament Żvizzeru;
31. Jappella biex l-UE u l-Iżvizzera jikkooperaw aktar mill-qrib fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa; jisħaq fuq l-importanza ta' kundizzjonijiet ekwi dwar it-tassazzjoni, b'mod partikolari dwar it-trasparenza tat-taxxa u l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni;
32. Jissottolinja li mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim, bi rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, bħala l-aħħar istanza dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE, huwa fundamentali, u li hija meħtieġa soluzzjoni għall-kwistjonijiet istituzzjonali u strutturali kollha, inklużi kontribuzzjoni ġusta għall-koeżjoni ekonomika u soċjali tal-UE, interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-ftehimiet, allinjament dinamiku mal-*acquis* tal-UE u kundizzjonijiet ekwi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġhajjnuna mill-Istat; ifakkar fil-kompromessi li diġà saru mill-Kummissjoni fir-rigward ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim; jisħaq li l-aċċess għas-suq intern tal-UE jeħtieġ li jkun ibbażat fuq bilanċ ġust tad-drittijiet u l-obbligi u li ġabra ta' regoli komuni bejn l-UE u l-Iżvizzera, f'dan il-kuntest, hija prerekwiżit għal suq komuni u l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern;
33. Jilqa' r-rilaxx tat-tieni kontribuzzjoni Żvizzera għall-politika ta' koeżjoni tal-UE u jisħaq li l-kontribuzzjonijiet Żvizzeri futuri għall-politika ta' koeżjoni tal-UE huma essenzjali u għandhom isiru aktar regolari u jiżdiedu, fuq l-eżempju ta' pajjiżi oħra, bħan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein;
34. Jinnota l-importanza ta' qafas komuni għall-ġhajjnuna mill-Istat; jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru biex isibu soluzzjoni f'dan ir-rigward;

Enerġija, klima u ambjent

35. Jilqa' l-livell għoli ta' allinjament politiku bejn l-Iżvizzera u l-UE fil-qasam tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima; jenfasizza li l-UE u l-Iżvizzera qed jistinkaw favur provvista tal-enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, kompetittiva u sigura u newtralità klimatika sal-2050 u jissottolinja l-potenzjal tal-allinjament aħjar tal-leġiżlazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera; jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru biex isibu toroq ta' kooperazzjoni dwar il-pakkett tal-UE "Lesti għall-mira ta' 55 %", u l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'diversi aspetti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-pjan REPowerEU, kif ukoll alleanzi industrijali, inklużi l-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari, l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif u l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji; jistieden lill-Iżvizzera tapplika leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali fl-ambitu ta' ftehim ta' kooperazzjoni futur, b'mod partikolari l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri u t-tiġdid tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet;
36. Jinnota li l-awtonomija strateġika mfittxija mill-UE dwar il-prodotti industrijali u l-materja prima kritika taqdi wkoll l-interessi tal-Iżvizzera minħabba l-intensità tal-iskambji ekonomiċi reċiproċi; huwa tal-fehma li l-Iżvizzera u l-UE jista' jkollhom interess komuni f'koordinazzjoni mtejba tal-politiki industrijali tagħhom għal komplementarjetà aħjar f'oqsma industrijali strateġiċi;

37. Jilqa' wkoll l-impenn tal-Iżvizzera fil-promozzjoni tal-idroġenu b'enfasi partikolari fuq l-idroġenu rinnovabbli u jisħaq fuq ir-rwol abilitanti li t-tranżitu mill-Iżvizzera jista' jkollu għal suq Ewropew għall-idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli u dekarbonizzati;
38. Jinnota bi tħassib li l-Iżvizzera ma appoġġjatz l-ispinta tal-UE favur it-tneħħija tal-protezzjonijiet għall-fjuwils fossili mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE); jistieden lill-Iżvizzera tikkunsidra li tirtira minn dan it-Trattat, fuq l-eżempju ta' diversi Stati Membri tal-UE;
39. Jisħaq li fis-settur tal-elettriku, l-istabbiltà tal-grilja u s-sigurtà tal-provvista u t-tranżitu jiddependu minn kooperazzjoni stretta bejn l-UE u l-Iżvizzera; jinnota l-interknessjoni tal-grilji elettriċi tal-Iżvizzera, tal-Ġermanja u ta' Franza; għadu mħasseb bil-fatt li l-esklużjoni tas-settur tal-enerġija Żvizzeru toħloq riskji sistemiċi għall-grilja sinkronika kollha tal-Ewropa kontinentali; jenfasizza l-importanza li tiġi segwita tranżizzjoni tal-enerġija sostenibbli u reżiljenti u jappella lill-Iżvizzera biex tipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattivi tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tal-grilja, bħall-pakkett dwar l-enerġija nadifa u l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'allinjament dinamiku effettiv mad-dritt tal-UE fis-settur tal-elettriku;
40. Jisħaq li ftehim dwar suq tal-elettriku joħloq bażi favorevoli għal kooperazzjoni kontinwa u mill-qrib bejn l-UE u l-Iżvizzera, b'mod partikolari dwar l-elettriku ħieles mill-fjuwils fossili u l-gassijiet nodfa, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-kummerċ transfruntier tal-elettriku, bħal suq konġunt tal-elettriku; jisħaq li kwalunkwe ftehim ġdid għandu jinkludi l-*acquis* rilevanti tal-UE fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku u d-dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi tal-enerġija tal-UE u tal-Iżvizzera; jiddispjaċih għall-fatt li, minħabba t-tmien tan-negożjati bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar ftehim qafas istituzzjonali, il-ftehim ippjanat dwar l-elettriku ma jistax jiġi konkluż fi żmien qasir sa medju u jenfasizza l-importanza li jinbdew in-negożjati dwaru malajr kemm jista' jkun; jissottolinja li, sakemm jiġi konkluż, huma meħtieġa soluzzjonijiet tekniċi fil-livell tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u l-inklużjoni tal-Iżvizzera fil-kalkoli tal-kapaċità tal-UE sabiex jitnaqqsu l-akbar riskji għall-istabbiltà tal-grilja reġjonali u s-sigurtà tal-provvista;

Riċerka u innovazzjoni, żvilupp, edukazzjoni u kultura

41. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, it-trawwim tar-rwol tal-Ewropa bħala attur b'saħħtu f'dan il-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, u t-tiżiż tas-sistema edukattiva Ewropea; ifakkar li l-Iżvizzera tonfoq kważi CHF 23 biljun fis-sena fuq ir-riċerka u l-iżvilupp; jinnota l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija u l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa u sostenibbli; jemmen li l-programm Erasmus+ jikkontribwixxi biex iqarreb is-soċjetajiet lejn xulxin;
42. Jaċċentwa s-sinifikat tal-isforzi konġunti bejn l-UE u l-Iżvizzera fl-indirizzar tal-isfidi globali, bħat-tibdil fil-klima, is-saħħa u s-sigurtà tal-enerġija, permezz tar-riċerka u l-iżvilupp; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet jagħtu prijorità lill-proġetti kollaborattivi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

43. Jinnota r-relegazzjoni tal-Iżvizzera għall-istatus ta' pajjiż terz mhux assoċjat f'Erasmus+ u f'Orizzont Ewropa;
44. Itenni l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera fil-programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, Euratom, ITER u Erasmus+ u jfaħħar ir-riżultati eċċellenti li nkisbu s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni; jappella biex l-UE u l-Iżvizzera jsibu approċċ komuni għall-benefiċċju taċ-ċittadini sabiex tinkiseb kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku, speċjalment fir-rigward tal-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi kollha tal-UE fil-perjodu 2021–2027; jistieden liż-żewġ partijiet iwettqu diskussjonijiet dwar il-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-UE, jiġifieri Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, Euratom, ITER u Erasmus +, bħala parti min-negozjati dwar pakkett wiesa', sabiex l-Iżvizzera tkun tista' terġa' tissieħeb malajr mat-tlestija tan-negozjati;
45. Jibqa' konvint li sħubija aktar stabbli u orjentata lejn il-futur se tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat u tgħin l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera ma' Erasmus+ u programmi Ewropej oħra;
46. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru biex jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jiżguraw l-arranġamenti tranżizzjonali tal-Iżvizzera għal Orizzont Ewropa, hekk kif jiġi adottat mandat ta' negozjar, flimkien ma' impenn tal-Iżvizzera favur kontribuzzjonijiet regolari u xierqa għall-politika ta' koeżjoni tal-UE; jiddispjaċih għall-fatt li, minħabba n-nuqqas ta' assoċjazzjoni tal-Iżvizzera ma' Orizzont Ewropa, dan l-aħħar ġiet eskluża mill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka; jinnota li fl-ambitu ta' Orizzont 2020, l-Iżvizzera rċeviet finanzjament ta' CHF 2,7 biljun u għalhekk kienet fl-ewwel post fost il-pajjiżi assoċjati;
47. Jissottolinja l-kooperazzjoni tajba bejn l-UE u l-Iżvizzera fil-qasam tal-ispazju, b'mod partikolari bil-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, Galileo u EGNOS; jappella biex din il-kooperazzjoni tiġi approfondita billi l-Iżvizzera tiġi inkluża fil-programm ta' osservazzjoni tad-Dinja, Copernicus, u fil-programm tat-telekomunikazzjoni bis-satellita, IRIS; ifakkar li l-Iżvizzera diġà tibbenefika mid-data ta' aċċess miftuħ ta' Copernicus u li tista' tibbenefika aktar mill-aċċess għad-data u s-servizzi ta' dawn il-programmi;
48. Jirrikonoxxi l-importanza tal-preservazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali, u jappella biex l-Iżvizzera u l-UE jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tal-iskambju kulturali, l-edukazzjoni u l-isport, inkluża l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura;
49. Josserva d-diżassoċjazzjoni tal-Iżvizzera mill-programm Erasmus+ mill-2014, wara r-referendum tagħha dwar l-immigrazzjoni; jieħu nota tal-applikazzjoni mhux ristretta tiegħu tal-ftehim tal-1999 dwar il-moviment liberu tal-persuni u r-rifjut tar-riżultat tar-referendum tal-2014 f'referendum ġdid dwar l-immigrazzjoni fl-2020; jaċċentwa li l-moviment liberu tal-persuni huwa prekundizzjoni għall-parteeipazzjoni f'Erasmus+;
50. Jilqa' l-fatt li s-sejħa għal proposti ta' Erasmus+ tal-2022 ippermettiet lis-sħab assoċjati miż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja jkunu involuti fil-formazzjoni tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, u dan wassal għall-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera;
51. Jisħaq fuq ir-rabta bejn il-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera f'Erasmus+ u l-aċċettazzjoni

sħiħa tagħha tal-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE, peress li l-iskambji ta' Erasmus+ jiddependu mill-moviment liberu tal-persuni;

52. Jirrikonoxxi l-fatt li bosta partijiet interessati fl-edukazzjoni fl-Ewropa qed jitolbu li l-Iżvizzera tkun assoċjata ma' Erasmus+ u li l-organizzazzjonijiet Żvizzeri tal-istudenti u taż-żgħażaġh qed iħeġġu lill-Gvern Żvizzeru biex jinvolvi ruħu f'negozjati kostruttivi mal-UE; jissottolinja l-benefiċċji edukattivi u l-benefiċċji l-oħra ta' tali assoċjazzjoni għall-Iżvizzera u l-UE;
53. Jissottolinja li l-pajjiżi ġirien u l-pajjiżi tal-istess fehma interessati kollha, inkluża l-Iżvizzera, merħba bihom li jassoċjaw ruħhom mal-programm Erasmus+, biex b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għas-sistemi edukattivi Ewropej u għat-tisħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kollha kemm hi;
54. Jisħaq li l-mobilità tal-istudenti bejn l-UE u l-Iżvizzera eventwalment għandha tkun inklużiva u tinvolvi parteċipanti mill-Istati Membri, ir-reġjuni u l-isfondi soċjali kollha tal-UE, u li dan jista' jinkiseb billi jiġi estiż l-appoġġ addizzjonali li jiġi offrut lil dawk li qed jiffaċċjaw sfidi soċjali, u b'hekk jissaħħaħ l-istatus ta' Erasmus+ bħala programm Ewropew verament inklużiv;

Qafas istituzzjonali u kooperazzjoni

55. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jgħib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-ftehim qafas istituzzjonali UE-Żvizzera f'Mejju 2021, wara seba' snin ta' negozjati; jinnota li dan il-ftehim kien essenzjali għall-konklużjoni ta' ftehimiet futuri possibbli rigward il-parteeċipazzjoni ulterjuri tal-Iżvizzera fis-suq uniku u l-kontinwazzjoni tal-kummerċ bla xkiel f'diversi setturi tal-industrija u li t-tmiem tan-negozjati affettwa l-parteeċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programm Erasmus+; jiddispjaċih dwar kwalunkwe narrativa fl-isferi pubbliċi u politiċi Żvizzeri li l-UE taħdem kontra l-interessi Żvizzeri; jisħaq li l-eventwali tieni falliment fin-negozjati ta' ftehim dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera jkun ta' ħsara kemm għall-UE kif ukoll għall-Iżvizzera u jaf idgħajjed ir-rwol politiku tagħhom; jinnota li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera hija żbilanċjata u li ċ-ċittadini u n-negozji qed jiġu affettwati min-nuqqas ta' relazzjoni strutturali; jilqa' l-approċċ tal-Kunsill Federali Żvizzeru ta' Frar 2022 għal pakkett wiesa' ta' negozjati u jistiednu jadotta mandat ta' negozjar dwar kwistjonijiet strutturali ewlenin bħala sinjal politiku lill-UE;
56. Jisħaq li huwa fl-interess fundamentali taż-żewġ naħat li jżommu u jsaħħu relazzjonijiet tajbin, stabbli u ta' benefiċċju reċiproku fi ħdan il-qafas ta' relazzjoni modernizzata bbażata fuq ftehim globali li joħloq stabbiltà, fiduċja, benesseri, kundizzjonijiet ekwi, impjiegi, tkabbir u impenn favur is-sigurtà soċjali u l-ġustizzja;
57. Jinnota d-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jiffinalizza t-taħditiet esploratorji mal-UE fid-dawl ta' negozjati futuri u li approva parametri ewlenin għal mandat ta' negozjar; jinnota b'dispjaċir li l-Kunsill Federali Żvizzeru se jiddeċiedi jekk jippreparax għall-adozzjoni ta' mandat ta' negozjar sa tmiem l-2023 biss; ifakkar li hemm opportunità limitata fiż-żmien minħabba l-elezzjonijiet federali Żvizzeri f'Ottubru 2023 u l-elezzjonijiet tal-UE f'Ġunju 2024;

58. Jilqa' d-dikjarazzjoni politika wara l-konferenza tal-cantons tal-24 ta' Marzu 2023 li tippromwovi relazzjonijiet ibbażati fuq it-Trattat mal-UE bbażati fuq valuri kondiviżi, filwaqt li tafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom li jkomplu u japprofondixxu l-ftehimiet bilaterali, u r-rieda tagħhom li jappoġġjaw lill-Kunsill Federali fin-negozjati; jilqa' l-fatt li l-cantons innutaw li, fin-nuqqas ta' alternattiva aċċettabbli mill-perspettiva tal-UE, m'hemm l-ebda għażla oħra ħliet l-adozzjoni dinamika tad-dritt tal-UE;
59. Jistenna li l-progress fit-taħditiet esplorattivi bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill Federali Żvizzeru jkun intensifikat biex jinkisbu l-kjarifiki u l-garanziji meħtieġa għall-adozzjoni ta' mandat għal negozjati; jappella liż-żewġ naħat biex jaħtfu din l-opportunità biex jiddiskutu dwar il-possibbiltà ta' pakkett ta' negozjati ġdid u ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera, u biex jilhqqu ftehim qabel it-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru biex jiffinalizzaw minnufih it-taħditiet esplorattivi;
-
- ◦
60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

NOTA SPJEGATTIVA

L-għan tar-rapport huwa li tiġi żviluppata aktar fiduċja bejn l-UE u l-Iżvizzera, abbażi ta' aktar trasparenza.

Aktar kooperazzjoni – anke u speċjalment fil-qasam istituzzjonali – tkun fl-interess taż-żewġ naħat, tal-ġid komuni u taċ-ċittadini tal-Iżvizzera u tal-Unjoni.

Barra minn hekk, ir-rapport għandu l-għan li jiftaħ oqsma tematiċi kompletament ġodda għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera, speċjalment fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġeopolitika u l-politika tal-paċi. Dan il-qasam ta' prijorità huwa espress ukoll bl-ordni tal-kapitoli fir-rapport.

B'mod ġenerali, ir-rapport jesprimi r-rakkomandazzjoni urġenti kemm lill-Kummissjoni tal-UE kif ukoll lill-Kunsill Federali tal-Iżvizzera biex jibdew malajr u jikkonkludu malajr in-negozjati għal soluzzjoni globali għall-kwistjonijiet istituzzjonali. L-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni f'oqsma tematiċi ġodda se tkun ta' għajjnuna għall-konklużjoni tajba tan-negozjati.

29.6.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera
(2023/2042(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jörgen Warborn

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĖĖRIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suĖĖrimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mal-UE huma prinċipalment irregolati permezz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) u sensiela ta' ftehimiet bilaterali, inkluż il-ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni, li abbażi tagħhom l-Iżvizzera qablet li tiegħu ċerti aspetti tal-leġislazzjoni tal-UE bi skambju tal-aċċess għal parti tas-suq uniku tal-UE;
- B. billi l-Iżvizzera u l-UE huma sħab ekonomiċi ewlenin – l-UE hija s-sieħeb kummerċjali prinċipali tal-Iżvizzera u l-Iżvizzera hija r-raba' sieħeb kummerċjali tal-UE, wara ċ-Ċina, l-Istati Uniti u r-Renju Unit; billi kemm l-UE kif ukoll l-Iżvizzera huma fost l-aqwa destinazzjonijiet għall-investment barrani u huma sħab ewlenin fil-kummerċ tas-servizzi;
- C. billi bejn l-2014 u l-2021 l-UE u l-Iżvizzera nneozjaw ftehim qafas istituzzjonali (IFA) bil-għan li jirristrutturaw ir-relazzjonijiet UE-Żvizzera; b'mod partikolari billi jistabbilixxu regoli u proċeduri ewlenin għall-integrazzjoni dinamika u għall-applikazzjoni omoġenja tal-liġi dwar is-suq intern, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u l-infurzar tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, u biex ikun previst mekkaniżmu xieraq għas-soluzzjoni tat-tilwim;
- D. billi fis-26 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Federali Żvizzeru ddeċieda unilateralment li jġib fi tmiemhom in-negozjati dwar il-ftehim qafas istituzzjonali;
 - 1. Jirrikonoxxi l-fatt li r-relazzjonijiet storiċi, b'saħħithom u stabbli bejn l-UE u l-Iżvizzera u l-valuri komuni ilhom deċennji sħaħ jikkontribwixxu għall-paċi, il-prosperità ekonomika, il-ġustizzja soċjali u l-kooperazzjoni fl-Ewropa għal deċennji;
 - 2. Jissottolinja li s-salvagwardja, it-tiħiħ u l-approfondiment ta' relazzjonijiet kummerċjali b'saħħithom, stabbli u sostenibbli mal-Iżvizzera, ir-raba' l-akbar sieħeb

kummerċjali tal-UE, jibqgħu prijorità għolja u huma fl-interess fundamentali taż-żewġ partijiet, b'mod partikolari fl-ambjent internazzjonali turbolenti attwali; iqis li relazzjoni modernizzata u ta' benefiċċju reċiproku, mirfuda minn ftehim ambizzjuż, għandha mhux biss tnaqqas l-ostakli għall-kummerċ iżda għandha toħloq ukoll kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi tal-UE, tiġġenera l-fiduċja, l-istabbiltà, l-impjiegi, it-tkabbir u l-benesseri, tiżgura l-protezzjoni nondiskriminatorja tad-drittijiet tal-ħaddiema u tiggarrantixxi l-oġhla livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ambjent, il-kompetizzjoni ġusta, l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà soċjali, il-progress u l-ġustizzja; jisħaq fuq l-importanza li jitkomplew l-isforzi konġunti għar-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari l-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim tagħha, u li jiġu promossi inizjattivi ta' kummerċ sostenibbli u ekoloġiku qabel it-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO;

3. Jinnota li r-Regolament tal-UE dwar ir-Roaming kien storja ta' suċċess, b'mod partikolari ta' benefiċċju għaċ-ċittadini fir-reġjuni tal-fruntiera u, b'mod aktar wiesa', l-iffaċilitar tal-moviment liberu tal-persuni; jinnota li l-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea diġà japplikaw ir-Regolament dwar ir-Roaming; jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera tikkunsidra li tapplika r-Regolament dwar ir-Roaming bħala parti minn ftehim ġdid bejn l-UE u l-Iżvizzera, għall-benefiċċju kemm taċ-ċittadini Żvizzeri kif ukoll taċ-ċittadini tal-UE;
4. Jirrikonoxxi li l-Iżvizzera laqgħet is-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jemmen li l-Iżvizzera u l-UE għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex jużaw l-assi ffriżati Russi għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
5. Jiddispijaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jġib fi tmiemhom in-negozjati dwar l-IFA, li kien essenzjali għall-konklużjoni ta' ftehimiet futuri possibbli rigward il-parteċipazzjoni ulterjuri tal-Iżvizzera fis-suq uniku u l-kontinwazzjoni mingħajr xkiel tal-kummerċ f'diversi setturi tal-industrija;
6. Jinnota li mingħajr modernizzazzjoni tal-FTA, li ġie konkluż 50 sena ilu u li ma ġiex aġġustat biex jirrefletti l-iżviluppi fir-regoli kummerċjali internazzjonali, u tal-pakkett ta' ftehimiet (I u II), li ġie konkluż kważi 20 sena ilu, u mingħajr it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera mhux se jġibu benefiċċji sħaħ għaċ-ċittadini u n-negozji u maż-żmien inevitabilment se jiddeterjoraw; jemmen li l-UE għandha tistinka favur soluzzjonijiet prammatiċi biex issolvi din il-kwistjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera; jinnota li l-ftehimiet bilaterali skaduti jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex tiġi evitata l-iskadenza tagħhom u jitqiesu l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE sabiex jiġi ppreservat l-aċċess reċiproku għas-suq, peress li dan huwa partikolarment minnu fl-oqsma tal-aċċess reċiproku għas-suq għall-oġġetti industrijali, il-faċilitazzjoni doganali, il-moviment liberu tal-persuni, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u l-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi mandat għall-modernizzazzjoni tal-FTA ladarba n-negozjati jkun b'dew;
7. Jinnota li l-protezzjoni tal-investment bħalissa hija sostnuta permezz ta' ftehimiet bilaterali skaduti bejn l-Iżvizzera u disa' Stati Membri biss tal-UE; jemmen li ftehim modern dwar il-protezzjoni tal-investment bejn l-UE u l-Iżvizzera jżid iċ-ċertezza tad-

dritt għall-investituri fuq iż-żewġ naħat u jkompli jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi mandat għan-negozjar ta' ftehim modern bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-protezzjoni tal-investment;

8. Jinnota l-valur tal-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Iżvizzera u l-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jisħaq li huwa importanti li l-UE u l-Iżvizzera jqisu l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fid-diversi aspetti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b' mod partikolari fil-programm REPowerEU, inkluża l-alleanza Ewropea għall-industrija fotovoltajka solari; huwa favur li jinstabu toroq għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" tal-UE;
9. Jenfasizza li l-Ftehim dwar Rikonossiment Reċiproku (2002) qed isir dejjem aktar obsolet billi ma jistax jiġi aġġornat biex iqis il-leġislazzjoni l-ġdida tal-UE; jinnota li dan diġà ħoloq ostakli tekniċi u xekkel il-kummerċ ta' apparat mediku u fil-futur se jagħmel l-istess b' mod partikolari bl-inġinerija mekkanika, bil-prodotti tal-bini ta' makkinarju u bl-intelliġenza artifiċjali; jemmen li l-UE għandha tistinka favur soluzzjonijiet prammatiċi biex issolvi din il-kwistjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera;
10. Jinnota li l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u tal-industrija bħalissa huma kkonsultati biss permezz ta' kanali ta' informazzjoni informali; jistieden lin-negozjaturi jaqblu biex jistabbilixxu pjattaforma ta' konsultazzjoni bilaterali *ex ante* u *ex post* bejn l-UE u l-Iżvizzera bil-ħsieb li tiffaċilita d-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet qabel kwalunkwe miżura ġdida jew sussidju ġdid li jistgħu jolqtu negattivament il-kummerċ jew l-investment; huwa tal-fehma li l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u tal-industrija għandhom ikunu jistgħu jressqu kwalunkwe ostaklu ġdid għall-kummerċ jew għall-investimenti għall-attenzjoni tas-segretarjat ta' din il-pjattaforma; jemmen li l-pjattaforma għandha eventwalment issir parti integrali mill-qafas ta' governanza għall-ftehim kummerċjali modernizzati u għandha tinvolvi t-twaqqif ta' helpdesk għall-SMEs, li jgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż kummerċjali u l-piżijiet amministrattivi filwaqt li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-kummerċ;
11. Jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri ta' akkumpanjament li jiggarrantixxu protezzjoni effiċjenti u nondiskriminatorja tad-drittijiet tal-ħaddiema, jiżguraw li l-ħaddiema mobbli, stazzjonati u lokali jirċievu paga ugwali għall-istess xogħol fl-istess post u, fl-istess ħin, jippermettu lill-operaturi ekonomiċi tal-UE jipprovdu servizzi fl-Iżvizzera; jisħaq li tali miżuri ta' akkumpanjament huma meħtieġa biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi tal-UE f'żoni fejn l-Iżvizzera għandha aċċess għas-suq uniku tal-UE;
12. Jirrikonoxxi l-flessibbiltà li tagħti l-Kummissjoni u l-kompromessi offruti fin-negozjati preċedenti dwar l-IFA u f'taħditiet esploratorji;
13. Jilqa' d-deċizzjoni tal-Kunsill Federali Żvizzeru li jagħti mandat biex jitfasslu parametri fundamentali għal mandat għal negozjati mal-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Federali Żvizzeru jibdew in-negozjati fil-pront; jissottolinja li t-twettiq ta' ftehim qafas komprensiv huwa l-aktar mod effiċjenti biex jiġu mmodernizzati l-ftehimiet bilaterali eżistenti u jingħata rispons għall-prijoritajiet li qed jinbidlu f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-koeżjoni soċjali; jenfasizza l-importanza li jintuża l-momentum attwali, peress li l-Iżvizzera se torganizza

elezzjonijiet ġenerali f'Ottubru 2023 u l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew se jsiru f'Ġunju 2024; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar l-iżviluppi l-ġodda kollha fil-ħin u tinvolvi mill-qrib fi kwalunkwe pass relatat ma' negozjati futuri potenzjali, filwaqt li tqis il-fehmiet tiegħu u tillimita kwalunkwe mandat ta' negozjar futur għal ħames snin;

14. Jissottolinja li l-ftehimiet li jiġu nneozjati għandhom ikunu mfassla bi struttura li tippermetti trasparenza u konsistenza orizzontali biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni kemm tal-ftehimiet bilaterali eżistenti kif ukoll ta' dawk ġodda u aġġornati, b'approċċ prattiku u faċilment interpretabbli li jipprovdi prevedibbiltà u ċertezza tad-dritt, u li jiggarrantixxi li ċ-ċittadini, il-ħaddiema u n-negozji impenjati fil-kummerċ bejn l-UE u l-Iżvizzera jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.
15. Iqis li l-governanza ta' IFA potenzjali bejn l-UE u l-Iżvizzera, jew ta' FTA modernizzata għandha tinvolvi kumitat konġunt li jipprevedi monitoraġġ konġunt, djalogu strutturat u superviżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Parlament Żvizzeru;
16. Jisħaq li l-Kunsill federali Żvizzeru ma sostnietx l-ispinta tal-UE lejn l-eliminazzjoni tal-protezzjonijiet għall-fjuwils fossili mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE); jinnota bi tħassib li l-kumpaniji tal-fjuwils fossili bbażati fl-UE jistgħu jistrutturaw l-operazzjonijiet tagħhom permezz tal-Iżvizzera sabiex xorta jkunu jistgħu jiġu protetti skont it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija; jinkoraġġixxi lill-Gvern Żvizzeru u lill-Kummissjoni biex jimpenjaw ruħhom sabiex jesploraw azzjoni koordinata possibbli dwar il-passi li jmiss għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	27.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Emmanuel Maurel, Alessandra Mussolini, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaëla, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Nevedálová, Ernő Schaller-Baross, Helmut Scholz, Sven Simon, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Reinhard Bütikofer, Svenja Hahn, Michiel Hoogeveen, Seán Kelly, Miapetra Kumpula-Natri, Javier Moreno Sánchez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

36	+
ECR	Mazaly Aguilar, Geert Bourgeois, Michiel Hoogeveen
ID	Danilo Oscar Lancini
NI	Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó, Ernő Schaller-Baross
PPE	Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Seán Kelly, Gabriel Mato, Alessandra Mussolini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
Renew	Svenja Hahn, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neved'alová, Kathleen Van Brempt
The Left	Emmanuel Maurel, Helmut Scholz
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Markéta Gregorová, Heidi Hautala

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

29.6.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-relazzjonijiet UE-Żvizzera
(2023/2042(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Hannes Heide

(*): Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Josserva d-diżassoċjazzjoni tal-Iżvizzera mill-programm Erasmus+ mill-2014, wara r-referendum tagħha dwar l-immigrazzjoni; jieħu nota tal-applikazzjoni mhux ristretta tiegħu tal-ftehim tal-1999 dwar il-moviment liberu tal-persuni u r-rifjut tar-riżultat tar-referendum tal-2014 f'referendum ġdid dwar l-immigrazzjoni fl-2020; jenfasizza li l-moviment liberu tal-persuni huwa prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni f'Erasmus+;
2. Jilqa' l-fatt li s-sejħa għal proposti ta' Erasmus+ tal-2022 ippermettiet lis-sħab assoċjati miż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja jkunu involuti fil-formazzjoni ta' alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, li wasslu għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera;
3. Jisħaq fuq ir-rabta bejn il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'Erasmus+ u l-aċċettazzjoni sħiħa tagħha tal-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE, peress li l-iskambji Erasmus+ jiddependu mill-moviment liberu tal-persuni;
4. Jiddispjaċih mid-deċiżjoni unilaterali tal-Gvern Żvizzeru li jtemm in-negożjati dwar il-ftehim qafas istituzzjonali UE-Żvizzera fl-2021 li affettwa l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programm Erasmus+;
5. Jirrikonoxxi l-fatt li bosta partijiet interessati fl-edukazzjoni fl-Ewropa qed jitolbu li l-Iżvizzera tkun assoċjata ma' Erasmus+ u li l-organizzazzjonijiet Żvizzeri tal-istudenti u taż-żgħażaġh qed iħeġġu lill-Gvern Żvizzeru biex jinvolvi ruħu f'negożjati kostruttivi mal-UE; jissottolinja l-benefiċċji edukattivi u oħrajn ta' assoċjazzjoni bħal din għall-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea;
6. Jirrikonoxxi li l-partijiet ikkonċernati fis-settur taż-żgħażaġh qed jitolbu li l-Iżvizzera tkun involuta fil-volontarjat imwettaq fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u b'hekk tappoġġja l-voluntiera żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u l-

organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;

7. Jibqa' konvint li sħubija aktar stabbli u orjentata lejn il-futur se tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat u tgħin l-Iżvizzera tassoċja ruħha ma' Erasmus+ u programmi Ewropej oħra;
8. Jinnota r-relegazzjoni tal-Iżvizzera għall-istatus ta' pajjiż terz mhux assoċjat f'Erasmus+ u f'Orizzont Ewropa; jissottolinja li l-aċċess għal Orizzont Ewropa u l-proġetti pilota kontinwi u futuri fiż-żewġ programmi jkunu ta' benefiċċju reċiproku, meta wieħed iqis ix-xenarju tar-riċerka Ewropea u l-ħtieġa li jimtlew il-lakuni fl-iżvilupp tal-ħiliet u fis-swieq tax-xogħol, inkluż f'ambjenti transfruntiera;
9. Jilqa' d-diskussjonijiet esploratorji bejn il-Kummissjoni u l-kap negozjatur Żvizzeru li saru mill-aħħar ta' Marzu 2022; jemmen li dawn id-diskussjonijiet jistgħu jipprovdu bażi aċċettabbli għar-rakkomandazzjoni rapida biex jinbdew in-negozjati; jissottolinja l-importanza li jkun hemm ftehim qafas li jkopri l-kwistjonijiet strutturali kollha indirizzati mid-diversi ftehimiet bilaterali;
10. Jissottolinja li l-pajjiżi ġirien u l-pajjiżi tal-istess fehma interessati kollha, inkluża l-Iżvizzera, merħba bihom li jassoċjaw ruħhom mal-programm Erasmus+, b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għas-sistemi edukattivi Ewropej u għat-tiħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kollha kemm hi;
11. Jenfasizza li l-mobilità tal-istudenti bejn l-UE u l-Iżvizzera għandha eventwalment tkun inklużiva u tinvolvi parteċipanti mill-Istati Membri, ir-reġjuni u l-isfondi soċjali kollha, u li dan jista' jinkiseb billi jiġi estiż l-appoġġ addizzjonali li huwa offrut lil dawk li qed jiffaċċjaw sfidi soċjali, u b'hekk jissaħħaħ l-istatus ta' Erasmus+ bħala programm Ewropew verament inklużiv;
12. Jinnota li l-parteċipazzjoni tal-għalliema u taż-żgħażaġh fil-programmi tal-UE għal-livelli kollha tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport tippermetti fehim b'saħħtu u sostenibbli bejn l-Iżvizzera u l-UE; jenfasizza l-benefiċċji ta' programmi bħal dawn għall-parteċipanti kollha;
13. Jemmen li l-UE u l-Iżvizzera għandhom ikunu magħqudin biex isegwu, jipromwovu u jipproteġu l-valuri Ewropej, inklużi d-demokrazija, il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali u d-dritt għall-edukazzjoni; jemmen li Erasmus+ jikkontribwixxi biex iqarreb is-soċjetajiet lejn xulxin.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	28.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Christine Anderson, Ilana Cicurel, Romeo Franz, Sylvie Guillaume, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Elżbieta Kruk, Predrag Fred Matić, Niklas Nienass, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Chiara Gemma, Łukasz Kohut, Rob Rooker, Marc Tarabella, Iuliu Winkler, Salima Yenbou

**VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ECR	Chiara Gemma, Elżbieta Kruk, Rob Rooker
NI	Marc Tarabella
PPE	Asim Ademov, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Iuliu Winkler, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Irena Joveva, Salima Yenbou
S&D	Sylvie Guillaume, Petra Kammerevert, Łukasz Kohut, Predrag Fred Matić, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio
The Left	Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Romeo Franz, Niklas Nienass, Diana Riba i Giner

0	-

1	0
ID	Christine Anderson

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Kinga Gál, Klemen Grošelj, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, İlhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, Thierry Mariani, Pedro Marques, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Gheorghe-Vlad Nistor, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Dragoş Tudorache, Viola von Cramon-Taubadel, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Malik Azmani, Jakop G. Dalunde, Georgios Kyrtzos, Sergey Lagodinsky, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Javier Zarzalejos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Gilles Boyer, Othmar Karas, Samira Rafaëla

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

51	+
ECR	Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
NI	Kinga Gál
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Franc Bogovič, Michael Gahler, Othmar Karas, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Lukas Mandl, Vangelis Meimarakis, Gheorghe-Vlad Nistor, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Gilles Boyer, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, Samira Rafaela, Dragoș Tudorache, Salima Yenbou
S&D	Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Dietmar Köster, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder
Verts/ALE	François Alfonsi, Jakop G. Dalunde, Sergey Lagodinsky, Viola von Cramon-Taubadel

3	-
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani
NI	Kostas Papadakis

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni